**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 437/2010**

**Illum: 15 ta' Lulju 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**Reuben Micallef**
**(ID 134274(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Reuben Micallef** ta' 35 sena, imwieled San Ġiljan fit-2 ta' Marzu 1974, bin Anthony u Maria Teresa nee` Sammut, residenti Nru 168, 'St. Joseph', Triq San Ġiljan, San Ġwann u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 134274(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, nhar il-11 ta' Diċembru 2009 u fil-ġimgħat ta' qabel din id-data:

1. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-uzu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Kellu fil-pussess tiegħu mediċina speċifikata u psikotropika (Stilnox) mingħajr awtoriżżazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta) u l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha (Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2015, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qed jeżentaw lill-Qorti, kif preseduta, milli terġa' tisma' l-provi mressqa sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruħha għall-ġudizzju ta' din il-Qorti u t-trattazzjoni finali tad-difiża.

**Ikkunsidrat:**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat odjern, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

i. **L-Ispettur** (illum Supretendent) **Johann J. Fenech** xehed illi nhar il-11 ta' Diċembru 2009, membri mill-Iskwadra ta' kontra l-Vizzji, fosthom WPS 209 u PC 341, wettqu tfittxija ġewwa l-fond 168, Triq San Ġiljan, San Ġwann fejn kien jirrisjedi l-imputat odjern u dan fid-dawl ta' suspett illi l-imputat kellu fil-pussess tiegħu materjal pornografiku li jirrigwarda minorenni. Fil-mori ta' din it-tfittxija, li ma ħalliet l-ebda riżultat pożittiv

in kwantu tali materjal pornografiku, l-uffiċjali tal-pulizija preżenti sabu xi oġġetti relatati mal-abbuż tad-droga f'xi kaxxi tal-kartun li kienu jinsabu fil-garaxx tal-imputat. Għalhekk l-imputat ġie arrestat u sussegwentement, dakinhar stess irrilaxxja l-ewwel stqarrija tiegħu lill-pulizija.[1] Ix-xhud jgħid ukoll illi fil-mori tal-investigazzjoni, huwa kien għadda l-oġġetti elevati lix-Xjenzat Godwin Sammut għall-analiżi tiegħu, li nfurmah illi fil-mgħarfa, fiż-żewġ kuċċarini u fit-tubu tal-plastik, kien sab traċċi tal-kokaina. Għalhekk, huwa reġa' bagħat għall-imputat nhar is-26 ta' April 2010 u l-istess imputat dakinhar irrilaxxja t-tieni stqarrija tiegħu.[2] Ix-xhud esebixxa wkoll l-oġġetti elevati bħala Dok. JF 2.

In kontro-eżami, l-Ispettur Fenech jgħid illi ma ttieħdux impronti diġitali minn fuq l-oġġetti elevati. Jgħid ukoll illi fl-istess fond residenzjali, kienu jabitaw ukoll il-ġenituri tal-imputat odjern. Jgħid illi skont informazzjoni li ngħatat lilu mill-uffiċjali li wettqu t-tfittxija, tali oġġetti ġew elevati mill-garaxx tar-residenza, b'dan illi huwa ma kienx f'posizzjoni jgħid jekk fl-istess garaxx kienx hemm affarijiet li jappartjenu lil terzi stante li hu ma kienx preżenti waqt din it-tfittxija.

Fil-kontro-eżami ulterjuri li sar lix-xhud, mistoqsi jekk kienx infurmat illi l-ġenituri tal-imputat kienu jikru l-proprjeta` u li fil-garaxx kien hemm għamara ta' din il-proprjeta`, huwa jwieġeb illi l-imputat kien qallu li l-oġġetti li nstabu kienu f'kaxxi, fost ħafna imbarazz ieħor, li kienu jintużaw fl-uffiċċju li minnu kien jaħdem l-imputat f'xi żmien, li l-

[1] Ara Dok. JF, a fol. 12 u 13 tal-proċess.
[2] Ara Dok. JF 1, a fol. 14 u 15 tal-proċess.

imputat ma kienx baqa' jaħdem hemm u li f'dak l-uffiċċju kienu jaħdmu persuni oħrajn, apparti l-imputat. Jikkonferma wkoll illi l-imputat dejjem ċaħad li l-oġġetti li nstabu kienu tiegħu u kien qal li ma kienx jaf bihom.[3]

ii. **L-Ispettur Graziella Muscat** xehdet illi nhar il-11 ta' Diċembru 2009, hija ordnat lil WPS 209, PC 341 u PS 1116 Timothy Zammit jesegwixxu mandat fil-fond 168, Triq San Ġiljan, San Ġwann ossia fir-residenza tal-imputat odjern u dan in konnessjoni ma' allegat pussess ta' materjal pornografiku illeċitu. Fl-esekuzzjoni ta' dan il-mandat, madankollu, instab xi trab u fid-dawl ta' dan, hija kellmet lill-Ispettur Johann J. Fenech u sussegwentement, kienet preżenti għall-istqarrija li ttieħdet lill-imputat dakinhar stess. Tgħid ukoll illi kienet saret tfittxija fl-uffiċju li kien jintuża mill-imputat qabel ossia fil-fond 'Micallef/Sultana Court', Garage 3/B, Bella Vista Street, San Ġwann.[4]

iii. **WPS 209 Rachel Aquilina** xehdet illi nhar il-11 ta' Diċembru 2009, flimkien ma' PC 341 u PS 1116, għamlet tfittxija fir-residenza tal-imputat odjern ġewwa 168, Triq San Ġiljan, San Ġwann u dan fuq skorta ta' mandat ta' tfittxija u arrest in konnessjoni ma' materjal pornografiku. Tgħid illi fil-garaxx tar-residenza nstabu *aluminium foil*, żewġ kuċċarini maħruqin, żewġ tappijiet tas-sufra, pilloli *Stilnox* u tubu tal-plastik qasir, li skont hi, x'aktarx kien tal-*biro*, kontenitur b'xi likwidu u kontenitur ieħor b'xi trab kannella.[5]

---

[3] Ara x-xhieda tal-Ispettur Johann J. Fenech a fol. 16 sa 19 tal-proċess u l-kontro-eżami tiegħu a fol. 85 sa 88 tal-proċess.
[4] Ara din ix-xhieda a fol. 26 sa 28 tal-proċess.
[5] A fol. 29 u 30 tal-proċess.

iv. **PC 341 Jorge Dalli** jikkonferma dak li tgħid WPS 209 in kwantu jispjega x'wassal għat-tfittxija fir-residenza tal-imputat u li jgħid illi saret tfittxija wkoll fil-fond 'Sultana Court', Garage 3, Bella Vista Road, San Ġwann, fejn ma nstab xejn in konnessjoni ma' materjal pornografiku. Jgħid ukoll illi madankollu fit-tfittxija ġewwa 168, Triq San Ġiljan, San Ġwann ossia fil-garaxx, kienu sabu xi pilloli, xi trab kannella u xi *foil* maħruq li kien qiegħed ġo *file*. Ix-xhud jgħid illi dan il-garaxx kien jinsab mar-residenza tal-imputat odjern u li huwa kien jabita f'din ir-residenza flimkien ma' ommu u missieru.

In kontro-eżami, ix-xhud jgħid illi l-imputat kien qalilhom illi l-affarijiet fil-garaxx kienu fl-uffiċju u li huwa kien ħadhom hemmhekk. Jgħid ukoll illi l-imputat kien qal illi l-kaxxi kien ġarrhom minn xi uffiċju, iżda l-*file* li semma' qabel fix-xhieda tiegħu u li skont hu kien imċappas – wara jgħid illi dan kellu xi *foil* maħruq - kien il-bogħod minn dawn il-kaxxi, għalkemm miegħu kien hemm ukoll affarijiet oħrajn. In oltre fuq mistoqsija tal-imputat jgħid illi ma jiftakarx jekk dan il-*file* kienx immarkat b'tali mod li minnu wieħed seta' jiddetermina lil min kien jappartjeni.[6]

v. Mir-relazzjoni esebita mill-**Ispiżjar Mario Mifsud** jirriżulta illi huwa ngħata s-segwenti dokumenti għall-analiżi tiegħu u ċioe` borża tal-plastik trasparenti li fiha kien hemm *label* ta' lewn abjad bil-kliem 'Data 11/12/2009, Ħin 9.45 am, Elevat/i minn PS 266, fil-preżenza ta' WPS 209, PS 1116, PC 341, minn Reuben Micallef, I.D. 134274(M)'. F'din il-borża kien hemm: żewġ tappijiet tas-sufra, ħames pilloli ta' lewn abjad

[6] Ara din ix-xhieda a fol. 67 sa 70 tal-proċess.

li kienu ġo *blister pack*, sittax-il biċċa *foil*, żewġ kuċċarini u mgħarfa tal-metall li kellhom il-qiegħ tagħhom imġemmed, biċċa tubu tal-plastik, flixkun żgħir ta' lewn kannella li kien fih likwidu trasparenti, flixkun tal-ħġieġ trasparenti li kien fih trab ta' lewn kafelatte u flixkun tal-ħġieġ ieħor li kien vojt.

Illi dwar dawn id-dokumenti, l-istess espert ikkonkluda s-segwenti:

a) Illi ma nstabux sustanzi illegali fit-trab ta' lewn kafelatte u fil-flixkun tal-ħġieġ vojt;

b) Illi l-ħames pilloli ta' lewn abjad kienu *Stilnox (Zolpidem)* ta' doża ta' 10 mg. Dawn il-pilloli, li jintużaw għall-insomnja, huma kkontrollati bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, Parti B tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta;

c) Illi fil-likwidu trasparenti li kien hemm ġo flixkun żgħir tal-ħġieġ instabet is-sustanza *Nandrolone*, li hija *anabolic steroid* u mhijiex ikkontrollata mil-liġi;

d) Illi nstabu traċċi tas-sustanza kokaina fuq il-biċċiet tal-*foil*, iż-żewġ kuċċarini u l-imgħarfa tal-metall u fil-biċċa tubu tal-plastik. Is-sustanza kokaina hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.[7]

Illi f'dan il-każ, xehed ukoll l-imputat odjern **Reuben Micallef**. Huwa jgħid illi darba fost l-oħrajn, kienu tfaċċaw żewġ pulizija li wettqu tfittxija għal materjal pornografiku relatat mat-tfal, iżda ma sabu xejn in konnessjoni ma' dan. Jgħid in

[7] Din ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 33 sa 58 tal-proċess.

oltre illi t-tfittxija ġiet estiża għall-garaxx, li skont hu, kien jintuża għal fini ta' *storage* ukoll. Skont ix-xhud, waqt din it-tfittxija ġew elevati xi oġġetti li huwa ma kienx jaf bihom, li kien hemm xi pilloli li nstabu f'xi skrivanija li kienet fl-uffiċju u li r-rimanenti kienu elevawhom minn xi kaxxi li kien fihom oġġetti li jintużaw għall-appartamenti. Jgħid illi meta missieru jikri l-appartamenti għal tul ta' żmien, u l-inkwilini jdaħħlu l-għamara tagħhom, l-għamara fl-appartamenti tiġi maħżuna f'dan il-garaxx u li għalhekk huwa ma kienx jaf x'fihom dawk il-kaxxi. Jgħid in oltre illi huwa qatt ma abbuża mill-kokaina u li qatt ma kellu każijiet relatati mad-droga. Isostni li dawn l-affarijiet ma kinux tiegħu.

In kontro-eżami, l-imputat jgħid illi l-pilloli ġew elevati minn xi skrivanija li kienet tiegħu iżda ma kinitx tintuża minnu, fil-waqt illi l-bqija tal-oġġetti ġew elevati mill-kaxxi. Jgħid illi dak iż-żmien l-uffiċju kien qed jintuża minn ċertu Ray, li dam jużah xi sena. Sussegwentement, l-uffiċju reġa' ġie f'idejh u l-għamara ttieħdet fil-garaxx tagħhom sabiex l-uffiċju jinbiegħ. F'xi żmien qabel, huwa kien jaħdem f'dan l-uffiċju, iżda mbagħad krieh. Jgħid ukoll illi fil-kaxxi kien hemm oġġetti li wieħed isib f'appartament bħala platti u borom. Ix-xhud ikkonferma wkoll il-kontenut taż-żewġ stqarrijiet rilaxxjati minnu.

Fl-ewwel stqarrija tal-11 ta' Diċembru 2009, l-imputat jgħid illi l-oġġetti elevati m'humiex tiegħu u li dawn instabu "*gewwa 'packaging boxes' qalb hafna oggetti li kienu jintuzaw f'ufficcju li kien jintuza minni fiz-zmien, izda f'perjodu wara u li fih kienu jintuzaw l-oggetti kollha fil-kaxex, l-ufficcju kien jintuza minn persuni ohra mhux minni, u li maghhom ma kellix konnessjoni fix-xoghol ghaliex kont qed nahdem f'ufficcju iehor fuq xoghol iehor*". Jgħid ukoll illi l-uffiċju ma baqax jintuża iżjed minn dawn il-persuni u rritornaw l-oġġetti li kien hemm għandu, sakemm l-uffiċju jiġi ripristinat fil-kundizzjoni li kien qabel intuża minnhom.

Dawn l-oġġetti kienu ilhom xhur għandu. L-imputat jirreferi għal ċertu Ray Galea li kien imexxi kumpanija li kienet topera minn dan il-fond, kif ukoll għax-xufier tiegħu, ċertu Frans, li kien ġarr l-oġġetti in kwistjoni lejn il-garaxx. Jgħid ukoll illi huwa qatt ma kellu għalfejn jieħu l-pilloli *Stilnox*.

Fit-tieni stqarrija tiegħu tas-26 ta' April 2010, imbagħad, l-imputat jgħid b'referenza għall-oġġetti li skont l-Uffiċjal Investigatur kellhom fuqhom traċċi tad-droga kokaina, illi dawn kienu jiffurmaw parti minn oġġetti "*li kienu depozitati f'garaxx propjeta` ta' missieri wara li tali oggetti ttiehdu lura minn ufficcju li kont naghmel uzu minnu jiena u li fih kienu mpjegati numru ta' persuni...*" Mistoqsi ta' min kienu dawn l-affarijiet li kienu fl-uffiċju tiegħu, huwa jgħid illi ma jafx.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi jibda biex jingħad illi fit-trattazzjoni finali tagħha, id-difiża talbet illi jiġu sfilzati ż-żewġ stqarrijiet li rrilaxxja l-imputat odjern u dan stante illi ma kellux assistenza legali waqt iż-żewġ interrogatorji tiegħu. L-ewwel stqarrija ttieħdet fi żmien meta persuna arrestata ma kellha l-ebda dritt għall-assistenza legali, lanqas qabel l-interrogatorju tagħha, fil-waqt illi t-tieni stqarrija ttieħdet meta dan id-dritt kien daħal fis-seħħ, għalkemm kien għadu mhux fis-seħħ id-dritt għall-assistenza legali waqt l-interrogatorju. Fi kwalunkwe każ, il-Qorti tqis illi fix-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti u allura meta debitament assistit, l-imputat għażel illi jikkonferma l-kontenut taż-żewġ stqarrijiet tiegħu bil-ġurament u allura ma tarax għalfejn għandha tiskarta dawn l-istqarrijiet bħala prova, u dan minkejja li ma kienx assistit waqt li huwa kien qed jirrilaxxjahom.

Illi fil-mertu, il-Qorti tqis illi sabiex tinstab reita` fl-imputat, jeħtieġ illi jirriżulta pruvat fil-grad rikjest mil-liġi, illi l-oġġetti li fuqhom instabu traċċi tad-droga kokaina, kif ukoll il-pilloli *Stilnox* mhux biss kienu fil-pussess materjali tal-imputat, kif fil-fatt kienu la darba dawn instabu f'garaxx li kien jifforma parti mill-fond residenzjali fejn huwa kien jabita, iżda illi l-istess imputat kellu wkoll ix-xjenza li fil-pussess tiegħu huwa kellu dawn l-oġġetti.

Illi dwar l-element formali tar-reat ta' pussess tad-droga, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs George Anthony Axiaq** tat-8 ta' Mejju 2015 fejn ingħad illi:

> "*… Fil-każ tad-delitt li bih ġie imputat l-appellant, u ċioè l-pussess tar-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi dik ir-raża, l-intenzjoni rikjesta mil-liġi hi dik ġenerika konsistenti fl-elementi ta' intendiment u volonta` manifestati fil-konsapevolezza u r-rieda tal-elementi materjali tar-reat.*" [sottolinear ta' din il-Qorti].

Illi in oltre fil-każ deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 ta' April 2006, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Keith Stagno Navarro**, ingħad hekk:

> "*Illi ma hemmx dubju li d-droga kokajina nstabet f'post li kien jaqa' taht il-kontroll effettiv tal-imputat, pero` dan mhux bizzejjed biex jirrizulta pruvat ir-reat in dizamina w jrid ukoll jirrizulta l-element tax-xjenza li f'dan il-post kien hemm id-droga. Din trid tirrizulta jew mic-cirkostanzi jew minn xi ammissjoni da parti tal-persuna akkuzata. Dan ghaliex mhux eskluz li f'post li fuqu persuna jista' jkollha l-kontroll anki esklussiv, li persuna ohra, ad insaputa tal-persuna li jkollha l-kontroll, tkun poggiet jew hbiet xi droga jew sustanza illecita. Hekk per ezempju wiehed jista' jkollu kontroll effettiv u esklussiv fuq karozza ipparkjatha registrata fuq ismu imma ma jkunx jaf li xi hadd, ad insaputa tieghu, ikun tefghalu nitfa droga mix-xaqq tat-tieqa miftuha, biex forsi jinkriminah. L-istess missier li ghandu l-kontroll fuq ir-residenza tieghu ma jistax jinstab hati ta' pussess ta' droga jekk per ezempju ad insaputa tieghu, wiehed minn uliedu li jghix mieghu jkun dahhal droga u hbieha jew zammha f'daru. Ghalhekk*

> *mhux bizzejjed li jigi pruvat il-kontroll effettiv jew sahansitra esklussiv fuq xi post, imma jrid jigi pruvat, sal-grad tac-certezza morali, l-element tas-scienter, cioe` li jkun konsapevoli li f'dak il-post li jaqa' taht il-kontroll tieghu attwalment hemm id-droga. L-Ewwel Qorti jidher li m'ghamlitx distinzjoni bejn il-kuncett tal-pussess kostruttiv tad-droga w cioe` meta ghalkemm id-droga ma tkunx fil-pussess fiziku ta' dak li jkun, tkun f'post fejn hu jkollu l-kontroll effettiv u l-kuncett ta' pussess effettiv jew kontroll ta' post. F'ta' l-ewwel, element essenzjali hu dejjem l-element tax-xjenza dwar l-esistenza tad-droga f'dak il-post u, jekk ma jigix pruvat dan l-element, ma tistax tinstab htija*".

Illi fil-fehma tal-Qorti, il-fattispecie ta' dan il-każ joħolqu diversi dubji dwar il-pussess li qed jiġi addebitat lill-imputat. Jibda biex jingħad illi l-imputat sa mill-bidunett, innega illi l-oġġetti in kwistjoni kienu tiegħu u sostna illi dawn kienu fost oġġetti li preċedentement kienu jinsabu fi proprjeta` jew uffiċju li kien mikri lil terzi persuni, għalkemm f'xi żmien anke huwa kien jagħmel użu minn dan l-uffiċju. Fix-xhieda tiegħu, huwa jerġa' jsemmi dan il-fatt għalkemm hawnhekk, wara li għaddew seba' snin mill-akkadut, jgħid ukoll illi apparti l-għamara li kienet ġejja mill-uffiċju mikri lil terzi, fil-kaxxi kien hemm oġġetti ġejjin minn appartamenti li missieru kien jikri lil terzi persuni. Il-Qorti tqis ukoll illi għalkemm l-imputat jikkontradiċi lilu nniffsu bil-fatt illi fil-waqt illi fl-ewwel stqarrija tiegħu huwa jgħid illi xi seba' snin qabel il-każ odjern, huwa kellu każ dwar pussess ta' droga kokaina, liema każ sa dakinhar kien għadu ma ġiex deċiż, fix-xhieda tiegħu mbagħad jgħid illi qatt ma abbuża mid-droga kokaina u qatt ma kellu każijiet dwar droga, mill-banda l-oħra dan ma jistax waħdu jwassal lill-Qorti sabiex tikkonkludi illi l-verżjoni ntiera tal-imputat mhijiex waħda veritiera. L-imputat jibqa' mhux kontradett fil-verżjoni li huwa jagħti dwar il-provenjenza tal-kaxxi u/jew għamara li nstabu fil-garaxx tar-residenza u in oltre lanqas ix-xhieda tal-uffiċjali tal-pulizja li ħadu sehem fit-tfittxija fuq il-post, ma taw lill-Qorti x'tifhem illi dan seta' ma kienx minnu. Veru illi f'punt minnhom ix-xhud PC 341 Jorge Dalli jgħid illi fil-

garaxx kien hemm ukoll *file* li fih kellu xi *foil* u li dan instab il-bogħod mill-kaxxi in kwistjoni, iżda jgħid ukoll illi kien hemm bosta affarijiet oħrajn ħdejn dan l-istess *file.* Irid jingħad ukoll illi ma jirriżultax mill-provi proċesswali illi l-Pulizija Eżekuttiva għamlet xi tentattiv sabiex tkellem lill-ġenituri tal-imputat u b'mod partikolari lill-missieru jew lil Ray Galea u x-xufier tiegħu, it-tnejn indikati mill-imputat fl-ewwel stqarrija tiegħu, meta fil-fehma tal-Qorti dawn setgħu jixħtu dawl fuq il-verżjoni tal-imputat.

F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti ma tistax tiskarta t-teżi tal-imputat illi l-oġġetti li kien fihom traċċi tal-kokaina u l-pilloli *Stilnox* sabu ruħhom fil-garaxx tal-fond in kwistjoni mingħajr il-konsapevolezza tiegħu u għalhekk ma tistax tasal sabiex tikkonkludi illi ġie ppruvat, fil-grad rikjest mil-liġi, illi l-imputat kien fil-pussess tas-sustanzi mertu tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u qegħda tilliberah minnhom.

Għaldaqstant, mhijiex tikkundannah għall-ħlas tal-ispejjeż inkorsi fil-mori tal-proċeduri.

Tordna d-distruzzjoni tal-oġġetti esebiti bħala Dok. JF 2 hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Dr. Natasha Galea Sciberras
Maġistrat